MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Numru 597/2007

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech )

vs

Francis Abela

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat, Francis Abela ta’ 50 sena bin Anthony u Teresa nee’ Pulis mwieled Pieta’ fil-11 ta’ Frar 1957 u residenti St. Francis, Misrah Alofju Wignacourt, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 153857(M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli-:

Fit- 8 ta’ Marzu 2007 ghal habta ta’ xi 7:30p.m. waqt li kien fi Triq is-Sur l-Isla,
a) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fl-istess propjeta u cioe fuq vettura nru. KBA 883 ta’ ghamla Fiat Punto ghad-dannu ta’ Laura Formosa mill-Isla, liema hsara hija anqas minn Lm500(hames mitt lira Maltin) ghad-dannu tal-istess Laura Formosa, u dan bi ksur tal-Aritikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dna bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Qal fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

d) Hebb kontra Mario Joseph Zammit sabiex jingurjha, idejjaq jew jaghmillha hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Laura Formosa tapplika l-provvedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Lulju 2007 (esebit *a folio* 2 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li l-kwerelanta Laura Formosa talbet li tigi ezentata milli tixhed f’dawn il-proceduri minhabb possibilita’ li tinkrimina ruhha.

Rat li l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat bl-ebda mod ma gew pruvati.

Ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------